MALTA

ATT Nru. XXXVII ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar id-Djar (Kap. 125).

ACT No. XXXVII of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Housing Act (Cap. 125).

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) ĊENSU TABONE
President

12 ta' Diċembru, 1989

ATT Nru. XXXVII ta' l-1989

ATT biex jemenda l-Att dwar id-Djar (Kap. 125)

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar id-Djar u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar id-Djar hawnhekk aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 125.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok it-tifsira ta' "bini" għandha tidħol din id-definizzjoni li ġejja:—

" "bini" tfisser dar jew bini ieħor, jew ishma minnhom, li jintużaw jew jistgħu jintużaw għal għanijiet residenzjali, u jinkludi kull art jew ġnien li jagħmlu sehem shiħ, jew li huma magħluqin f'dik id-dar jew f'dak il-bini ieħor; iżda ma tinkludix fond li jista' jitfisser bħala ħanut skond l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini;": Kap. 69.

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "bini" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:—

" "Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali" jew "Direttur" tfisser l-uffiċjal pubbliku maħtur mill-Prim Ministru sabiex ikun Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali għall-finijiet ta' dan l-Att;";
u

(ċ) it-tifsira ta' "Segretarju" għandha titħassar.

Sostituzzjoni tal-kelma "Segretarju" kull fejn tidher fl-Att.

3. Hlief kif provdut fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att, kull fejn tidher il-kelma "Segretarju" fl-Att prinċipali, għandha tiftiehem minflokha l-kelma "Direttur".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

4. Minflok l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu-jiftiehem dan li ġej:—

"Setgħa ta' ħruġ ta' rekwiżizzjonijiet, effetti u twettiq.

3. (1) Jekk id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali jidhirlu li hu meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk fl-interess pubbliku, iżda biss bil-għan biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar jew biex jiżgura t-tqassim xieraq ta' dawk il-postijiet fejn wieħed jista' jgħammar, huwa jista' joħroġ rekwiżizzjoni għal kull bini, u jista' jagħti struzzjonijiet li jidhirlu li huma meħtieġa jew xierqa sabiex ir-rekwiżizzjoni tista' jkollha effett u tkun tista' sseħħ.

(2) Ordni ta' rekwiżizzjoni li jsir skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jiġi notifikat lil min ikollu jedd għall-okkupazzjoni immedjata tal-bini rekwiżizzjonat, jew l-aġent jew rappreżentant tiegħu, u meta l-bini jkun qiegħed jinkera lil inkwilin, jew qiegħed għandu b'titolu ta' enfitewsi li jiskadi mhux iktar tard minn ħames snin minn meta jinħareġ l-ordni, dan l-ordni għandu jiġi wkoll notifikat lis-sid jew lill-padrun dirett, skond il-każ, jew lill-aġent jew rappreżentant tagħhom:

Iżda meta t-titolu għal bini kif imsemmi qabel, jew għal min għandu jedd jokkupah, ikun jappartjeni lil iktar minn persuna waħda, in-notifika ta' l-ordni ta' rekwiżizzjoni li ssir lil persuna waħda minn dawk kollha għandu jkollha seħħ għar-rigward tat-titolu miżmum in komun ma' l-oħrajn, daqslikieku l-ordni kienet ġiet ukoll notifikata lil dawk il-persuni l-oħrajn kollha.

(3) Meta, sakemm tkun twettqet diliġenza xierqa, min ikollu jiġi notifikat b'ordni ta' rekwiżizzjoni, jew l-aġent jew ir-rappreżentant tiegħu, ma jkunx jista' jinstab, jew jekk jinstab jirrifjuta li jaċċetta l-ordni, l-ordni ta' rekwiżizzjoni għandha titqies li tkun ġiet notifikata sew lil dik il-persuna u lil dawk il-persuni l-oħrajn li kienu jitqiesu li ġew notifikati bl-ordni li kieku din ġiet notifikata lil dik il-persuna, jekk jingħata avviż ta' l-ordni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'mhux anqas minn tlett ġurnali oħrajn ta' kuljum ippubblikati f'Malta.

(4) Ordni ta' rekwiżizzjoni li jsir u jiġi notifikat skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jopera u jkollu effett sħiħ kontra kulħadd u jibqa' hekk operattiv u effettiv sakemm il-bini jiġi derekwiżizzjonat.

(5) Kull uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt ir-rank ta' surġent jista, fuq istruzzjonijiet tad-Direttur, jieħu dawk il-passi u

jinqeda b'dik il-forza li jidhirlu meħtieġa skond ma jixraq biex jiżgura li qegħdin jitwettqu l-ordnijiet mogħtija lil persuna skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att li bis-saħħa tagħhom ikun intalab li jċedi l-pussess ta' bini:

Iżda d-Direttur m'għandux jagħti dawn l-istruzzjonijiet kif imsemmija qabel ħlief f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' rikostruzzjoni jew pjanifikazzjoni mill-ġdid, jew evakwazzjoni f'għadd kbir, jew f'każ ta' okkupazzjoni mhix awtorizzata, jew f'każijiet oħra li d-Direttur ikun jidhirlu li huma urġenti, u sakemm dawn ikunu ġustifikati b'mod raġonevoli f'soċjetà demokratika.

(6) Meta bini li jkun ġie rekwiżizzjonat taħt dan l-artikolu jitbattal u jkun jappartjeni b'titolu assolut jew b'enfitewsi lil min jagħti prova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li għandu ħsieb li jieħu pussess tal-bini sabiex hemm jistabbilixxi r-residenza ordinarja tiegħu jew dik ta' xi ħadd mit-tfal tiegħu, id-Direttur għandu jalloka l-bini lil dik il-persuna, jew lil xi ħadd mit-tfal tiegħu kif imsemmi qabel, skond il-ħtieġa tal-każ; u jekk dik ir-residenza ordinarja tiġi fil-fatt hekk stabbilita fi żmien sitt xhur minn meta ssir l-allokazzjoni, jew minn dak iż-żmien aktar tard li d-Direttur jista' għal raġuni valida jippermetti, u tkompli għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn, id-Direttur għandu, jekk hekk jintalab jagħmel, jidderikwiżizzjona l-bini.

(7) Meta jkun ingħata ordni ta' rekwiżizzjoni, u r-rekwiżizzjonat jipprova b'sodisfazzjoni tad-Direttur illi huwa ma jistax isib trasport għall-ġarr ta' l-għamara jew ħwejjeġ oħra li jinsabu fil-bini rekwiżizzjonat, jew lok ieħor fejn jaħżinhom, ikun dmir tad-Direttur li jipprovdi dak il-mezz tal-ġarr u lok għall-ħażna ta' l-għamara jew ħwejjeġ oħra alternattiv kif ikun meħtieġ, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9) ta' dan l-artikolu.

(8) Meta xi ordni ta' rekwiżizzjoni ma jiġix obdut jew meta wara t-twettiq ta' kull diliġenza xierqa, ħadd ma jinstab li għandu l-jedd dirett li jgħammar fil-bini rekwiżizzjonat, jew il-prokuratur tiegħu jew min jidher għalih, id-Direttur jista' jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa għall-ġarr u ħażna ta' l-għamara jew ħwejjeġ li jinstabu fil-bini:

Iżda qabel ma jsir dan il-ġarr għandu jsir inventarju ta' l-għamara jew ħwejjeġ imsemmija qabel li għandu jkun iffirmat mid-Direttur jew rappreżentant tiegħu quddiem uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt ir-rank ta' surġent, li għandu jżid ukoll il-firma tiegħu f'dak l-inventarju.

(9) F'kull każ meta l-ġarr jew il-lok għall-ħażna ta' l-għamara jew ħwejjeġ huwa pprovdut mid-Direttur skond

dan l-artikolu, din l-għamara jew ħwejjeġ għandhom, matul il-ġarr u ħażna jibqgħu b'sogru ta' sidhom waħdu u, għal dak li hu ħażna l-ispejjeż tiegħu wkoll; u ebda ħlas ma jkun mistħoqq dwar xi nuqqas fihom jew ħsara li tiġrilhom jekk jiġi ppruvat illi dak in-nuqqas jew dik il-ħsara ma kenitx ġrat minħabba traskuraġni tad-Direttur jew nies li kienu jaqduh.

(10) Filwaqt li bini jkun f'idejn id-Direttur bis-saħħa ta' dan l-Att, il-bini jista' jintuża biss għall-finijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, iżda, ħlief kif imsemmi qabel, id-Direttur, sa fejn jidhirlu li jkun meħtieġ jew xieraq dwar it-teħid ta' pussess jew użu tal-bini bis-saħħa ta' dan l-Att, jista' jagħmel, jew jawtorizza lill-persuni li jużaw il-bini biex jagħmlu, dwar il-bini, kull ħaġa illi kull persuna li għandha nteress bla tirżin fil-bini kien ikollha l-jedd li tagħmel bis-saħħa ta' dak l-interess.".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat biż-żieda, minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, ta' dan is-subartikolu ġdid li ġej:—

"(3) Kull min xjentement jagħti xi informazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu li tkun qarrieqa jew skorretta f'xi fatt partikolari tagħha, ikun ħati ta' reat skond dan l-Att u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux inqas minn mitt lira iżda mhux iżjed minn ħames mitt lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn ħmistax-il jum u mhux iżjed minn tliet xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

6. Minflok l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Setgħa tad-Direttur li jordna l-inkwilin ta' bini rekwiżizzjonat jitilqu.

9. Meta persuna tkun qegħda f'bini rekwiżizzjonat taħt dan l-Att, id-Direttur jista', ukoll jekk dik il-persuna tħallas kumpens talli tkun qegħda hemmhekk, jordnalha li titlaq minn dak il-bini u tħalli f'idejh dak il-bini f'dak iż-żmien li d-Direttur jista' jistabbilixxi, jekk huwa jidhirlu li dik il-persuna ma tkunx qegħda tuża l-bini għal għanijiet residenzjali, jew tkun sid ta' jew għandha jew li b'mod ieħor pprovduta b'bini ieħor li tista' tuża' bħala residenza tagħha u tal-familja tagħha, jew jekk ikun hekk raġonevolment meħtieġ li wieħed jagħixxi b'dan il-mod fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku jew saħħa pubblika.".

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat billi jiddaħħal, minnufih wara l-paragrafu (ċ) tiegħu, dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"(d) sabiex jistabbilixxi d-drittijiet relattivi għall-ħażna u sabiex jipprovdi għat-teħid lura ta', jew xi jsir minn, għamara jew oġġetti, magħdud il-bejgħ tagħhom, li jkunu tneħħew minn bini rekwiżizzjonat skond dan l-Att:".

8. L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat bis-sostituzzjoni tal-kliem "ordni ta' rekwiżizzjoni jew avviż" minflok il-kelma "avviz". Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

9. L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat bis-sostituzzjoni tal-kliem u figuri "fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att" minflok il-kliem u figuri "fl-artikolu 4 ta' dan l-Att". Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

10. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali, kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għandhom minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jibqgħu fis-seħħ għar-rigward ta' kull ordni ta' rekwiżizzjoni fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, li bih bini jkun rekwiżizzjonat għal xi għan li ma jkunx l-għan biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar jew biex jiżgura t-tqassim xieraq ta' dawk il-postijiet fejn wieħed jista' jgħammar, b'dana li kull riferenza għas-Segretarju fl-Att prinċipali, kif hekk fis-seħħ, għandha titqies bħala riferenza għad-Direttur.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 315 ta' l-4 ta' Diċembru, 1989.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati